MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 968/2012

**Carmel Xerri [I.D. 695453 M], f'ismu u in rappresentanza tal-minuri bintu Monalisa Xerri, Diana Speranza Xerri [I.D. 497380 M], Lora Jane Xerri [I.D. 519982 M] u Dr. Cedric Mifsud u l-P.L. Madeline Firman li b'digriet tal-14 ta' Frar 2013 gew nominati kuraturi deputati sabiex jassistu lill-minuri Leemark Agius**

**vs**

**Clint Xuereb [I.D. 330488 M] u b'digriet tal-21 ta' Jannar, 2015, il-Qorti awtorizzat lil Elmo Insurance Agency tintervjeni fil-kawza**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-26 ta' Settembru 2012, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Illi l-esponenti huma kollha l-eredi, ex lege, tad-defunta Yana Xerri li kienet mietet f'incident stradali li kien sehh fis-27 ta' Novembru 2010 fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaqm Naxxar;*

*2. Illi kif inghad fl-imsemmi incident stradali Yana Xerri kienet tilfet hajjitha mad-daqqa tal-vettura u ghalhekk per konsegwenza wara l-mewt taghha l-esponenti sofrew danni rizultanti mill-mewt taghha;*

*3. Illi l-incident sehh unikament minhabba li l-konvenut kiene qed isuq il-vettura tieghu numru IBL-364 b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku kif ser jirrizulta waqt il-gbir ta-provi;*

*4. Illi l-konvenut u anke s-socjeta' assikuratrici tieghu gew interpellati sabiex jersqu ghall-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident stradali li sehh fis-27 ta' Novembru 2010 gewwa Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar waqt li l-intimat kien qed isuq il-vettura IBL-364, sehh minhabba li l-istess konvenut kien qed isuq b'imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku u per konsegwenza tilfet hajjitha Yana Xerri;*
*2. Tiddikjara illi minhabba fil-mewt ta' Yana Xerri fl-imsemmi incident, ir-rikorrenti, eredi taghha, huma intitolati ghall-hlas ta' danni;*

*3. Tillikwida l-imsemmija danni dovuti lir-rikorrenti, jekk hemm bzonn anke bl-opera ta' periti nominandi;*

*4. Tikkundanna lill-intimat konvenut ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

Permezz ta' risposta prezentata fil-15 ta' Novembru 2012, il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi l-atturi jridu jipprovaw l-interess guridiku taghhom skont il-ligi li jintitolahom li jressqu din l-azzjoni fil-konfront tal-intimat;*

*2. Illi, preliminarjament, il-lista tax-xhieda mressqa mir-rikorrenti ghandha tigi sfilzata minn din il-Qorti billi ma tissodisfax il-vot tal-ligi skont l-Art. 156[4] tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Illi l-pretensjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante' li l-intimat ma jahtix ghal tali incident u mhux risponsabbli versu r-rikorrenti f'dan ir-rigward;*

*4. Illi in ogni caso d-defunta hadet ir-riskju meta telghet bhala passiggiera fil-vettura tal-intimat u per konsegwenza japplika l-principju ta' 'volenti non fit iniuria';*

*5. Illi bhala passiggier d-defunta Yana Xerri ma haditx il-prekawzjonijiet mehtiega u*

*skont il-ligi u per konsegwenza kienet hija stess li kkontribwiet ghall-mewt taghha;*

*6. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, dwar il-likwidazzjoni tad-danni s-somma li tista' tigi likwidata minn din il-Qorti ghandha tigi ridotta sostanzjalment, inter alia, minhabba li ma kien hemm l-ebda dipendenza mill-atturi fuq id-defunta.*

**Kwistjoni**.

Il-kaz hu dwar incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta' Novembru 2010 gewwa Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, Naxxar. Dakinhar il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura Opel Corsa bin-numru IBL-364. Passiggiera fil-vettura kien hemm Yana Xerri. Il-vettura kienet qeghda tinstaq fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar. F'hin minnhom il-vettura qasmet ghan-naha l-ohra tat-triq, dahlet f'crash barrier u baqghet niezla f'art li hemm taht it-triq. F'dan l-incident Yana Xerri mietet filwaqt li x-xufier wegga'. Mir-ritratti esebiti jirrizulta li l-passiggiera nstabet mejta ma' gemb il-vettura. L-attur Carmel Xerri hu missier il-vittma u l-atturi l-ohra huma hutha. Wara proceduri li saru fil-Qorti Civili, Gurisdizzjoni Volontarja, is-successjoni ta' Yana Xerri nfethet favur l-atturi (fol. 35 *et seq*).

**Konsiderazzjonijiet**.

1. L-uniku xhud tal-incident kien il-konvenut Clint Xuereb. Fis-seduta tat-28 ta' April 2014 qal:

   - Dakinhar tal-incident, hu u l-vittma kienu telqu minn Paceville ghal habta tal-4.30 ta' filghodu. Matul il-lejl kien xorob bejn erbgha u sitt tazzi alkohol;
   - Kien hass il-vettura titlaq minn wara;
   - Insista li qabel sehh l-incident kien qieghed isuq b'velocita ta' 70 kilometru fis-siegha;
   - Il-vettura tieghu qasmet it-triq u spiccat nizlet gholi sular;
   - Bid-daqqa spicca barra mill-karozza.

2. Il-qorti ma temminx il-verzjoni tal-konvenut. F'dan ir-rigward tosserva:

   (i) M'hemmx prova li qabel sehh l-incident il-vettura kellha xi difett[1];
   (ii) M'hemmx prova li fl-art kien hemm xi sustanza li setghet waslet biex l-attur jitlef il-kontroll tal-vettura;
   (iii) Ma tqiesx li hu verosimili li b'velocita' ta' 70 kilometru fis-siegha kien ser isehh l-incident minghajr l-attur ma jirnexxielu jikkontrolla l-vettura. Il-prova li l-konvenut ma kienx qieghed isuq b'dik il-velocita' tirrizulta mir-relazzjoni tal-perit Richard Aquilina, wiehed mill-esperti li nhatru mill-Magistrat Inkwirenti. Fil-pjanta (fol. 188) mehmuza mar-rapport jidher brake mark b'tul ta' cirka 65 metru. Din hi prova univoka u cara li l-konvenut kien qieghed isuq b'velocita sfrenata;

[1] Fl-istqarrija li l-konvenut ta lill-pulizija, qal: *"Jiena l-karozza tieghi kienet il-mimmi ta' ghajnejja, hrigtha gdida w ghalija ma kellha l-ebda hsara"* (fol. 47). Fir-rigward tat-tyres qal ukoll li kien ghadu kif bidilhom.

(iv) Is-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-31 ta' Jannar 2013[2] , hi fiha nnifisha prova tar-reponsabbilta' tal-konvenut;

(v) Jirrizulta li fil-hin tal-incident, il-livell ta' alkolhol li kellu l-konvenut kien jaqbez dak permess mil-ligi[3]. Fattur li juri li ma kellux kontroll shih tal-vettura.

3. Dan hu kaz iehor fejn l-irresponsabbilta' ta' zaghzugh irvina l-hajja ta' passiggiera riekba fl-istess vettura. M'huwiex bizzejjed li jinghad li dak li gara kien ghaliex ix-xufier kien ghadu zaghzugh inespert. Din m'hijiex skuza. Min jinghata licenzja tas-sewqan igorr ir-responsabbilta li jsuq bil-galbu, irrispettivament mill-eta'. Il-konvenut dahkitlu x-xorti l-ewwel darba meta fl-incident sofra ftit griehi u t-tieni darba meta fil-proceduri kriminali wehel biss multa ta' sitt elef ewro (€6,000) u licenzja tas-sewqan sospiza ghal tlett (3) snin. Ghalkemm fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati jissemma li x-xufier ser jibqa' ighix bir-rimors li s-sewqan tieghu wassal ghal mewt tal-habiba tieghu, dan m'huwiex bizzejjed biex f'kazijiet simili sservi ta' mitigazzjoni tal-piena. Ghal min jibqa' haj il-hajja tkompli filwaqt li l-passiggiera nsterqitilha hajjitha minhabba l-arroganza u kapricci ta' haddiehor. Tant hu hekk li snin wara li sehh l-incident Clint Xuereb ghadu sal-lum jipprova jghaddi n-nies biz-zmien billi jghid li m'ghandux responsabbilta' ghall-incident. Dan m'huwiex l-atteggament ta' min qieghed ighix b'rimors. Sfortunatament ta' kuljum nassistu ghal sewqan li m'hawnx lok ghalih fit-toroq Maltin. Xufiera li m'ghandhom l-ebda hjiel ta' x'inhi l-prudenza jew rispett lejn haddiehor. Hu evidenti li l-awtoritajiet responsabbli ghal infurzar tal-ligijiet tat-traffiku qeghdin ta' kuljum ifallu milli jrazznu dan l-abbuz lampanti. Dan apparti li jidher ukoll li l-pieni li qeghdin jinghataw fi proceduri kriminali relatati ma' kazijiet bhal dan m'humiex jaghtu messagg b'sahhtu. Sentenzi li ghandhom ukoll iservu ta' deterrent lill-hati nnifsu u lil terzi milli jikkommettu dawn it-tip ta' reati. Sentenzi li wara kollox ghandhom rwol x'iservu fil-protezzjoni tal-pubbliku minn reati ta' din ix-xorta.

4. Fil-kors tal-gbir tal-provi sar l-argument li l-vittma ghandha responsabbilta ghaliex ma kenitx liebsa *seat belt*. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

i. It-Tabib Dr Mario Scerri spjega li generalment meta l-incident tat-traffiku jkun vjolenti, is-seat belt thalli mpatt fuq il-vittma. Qal li l-vittma kellha *abrasions* fuq l-ispallha tax-xellug u setghu kienu *"…. kompatibbli ma' seat belt"*. Kompla jghid: *"Qed nara ritratt numru 36, abbrazjonijiet. Fiha tidher marka fuq il-vittma li l-Qorti qed timmarka b'cirku kulur blu.* ***Dik it-tip ta' abrasion insibuha ukoll f'kazijiet ta' seat belt injury. L-istess qed jigi mmarkat fir-ritratt 37. Dawk huma tip ta' abrasions li ahna f'incidenti tat-traffiku, ahna nfittxuhom****"* (enfazi mizjuda, fol. 117c).

[2] **Il-Pulizija vs Clint Xuereb** (1289/2010).
[3] 51ug/100ml. Test li sar sighat wara l-incident.

Dr Ali Safraz kien wiehed mit-tobba li ghamel l-awtopsja. Xehed: *"In the report we stated that there is a bruising around the left shoulder.* ***For me this indicates that the victim was wearing a seatbelt****. This is the likelihood. Had it been an impact with the ground, we would not have stated around the shoulder. From the report it does not transpire that we found any bruising in the victim's chest.* ***It is not necessary that whenever there is an injury to a person wearing a seatbelt you have brusing around the chest***[4]***. According to our findings, the victim was most likely wearing a seatbelt****. This is based on what we said in our report as regards to the bruising around her shoulder.* ***This is a typical injury caused by a seatbelt****"* (enfazi mizjuda, fol. 111).

Meta l-konvenut gie nterrogat mill-pulizija gie mistoqsi:

*"M. Yana libsitu is-seatbelt ?*
*T.* ***Generalment dejjem tilbsu*** *imma dakinhar ma nafx libsitux jew le ghax jien ma qghadtx inhares jekk libsitux jew le"* (enfazi, tal-qorti fol. 47).

Min-naha l-ohra l-ispettur Robert Vella xehed (seduta 18 ta' Frar 2014): *"Jidher li l-vittma Yana Scerri ma kenitx liebsa seat belt"*. Ix-xhud ma qalx kif wasal ghal din il-konkluzjoni. Verzjoni kontradetta minn dak li xehedu l-esperti medici. F'kull kaz l-istess xhud qal li ma kienx *".... Cert dwar jekk il-vittma kenitx liebsa seatbelt imma jista jkun iva li ma kenitx liebsa seatbelt"*.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut qal li jezisti dubju jekk Yana Xerri kenitx liebsa s-seatbelt. Zied: *"Hawnhekk tajjeb li jinghad li xhieda mhix cara dwar dan il-punt. Pero' xorta wahda ma giex ipprovat sal-bilanc tal-probabbli mir-rikorrenti li ressqu din l-istanza li Y. Xerri kienet liebsa seat-belt"*. Min jallega jrid jipprova. Gialadarba l-allegazzjoni saret mill-konvenut, kien hu li kellu jaghti prova li meta sehh l-incident il-vittma ma kenitx liebsa seatbelt. Ghalkemm hu veru li l-vittma spiccat barra l-vettura, madankollu meqjus dak li xehedu t-tobba din il-qorti m'hijiex konvinta li Yana Xerri ma kenitx libset is-seatbelt.

ii. Jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jaccetta t-tezi li l-vittma ma kenitx liebsa *seat belt*, il-konvenut kellu jaghti prova li s-seatbelt kienet issalvalha hajjitha. Meta tqies kemm kien incident vjolenti hekk biss il-qorti tista' taccetta t-tezi ta' negligenza kontributorja. Prova simili ma saritx. Il-vettura waqghet gholi ta' erba' metri. Id-distanza minn fejn il-vettura harget mit-triq sa fejn spiccat (ara pjanta mehmuza mar-rapport tal-perit Aquilina, fol. 188) u l-gholi

[4] F'dan ir-rigward Dr Mario Scerri xehed*: "F'dal kaz ma setatx tigi ffurmata tbengila ghaliex il-vittma mietet mad-daqqa"* (fol. 117B).

bejn it-triq u l-art fejn spiccat il-vettura[5], huma fihom infushom prova ta' kemm kien vjolenti l-incident. Hekk ukoll l-Ispettur Robert Vella li kien involut fl-investigazzjoni, xehed: *"Nikkonferma li l-vettura jidher li kienet irrumblat fuq il-blat. Ma kenitx ma' gemb il-blat"* (seduta tat-18 ta' Frar 2014).

Kif rajna, il-kagun tal-mewt kien *fractured skull* (fol. 97). Skond Dr Ali Safraz: *"It is most likely that on impact, the victim passed away. I do not believe that the fracture was caused by the victim hitting her head with the windscreen.* ***I would say that the symptoms are a massive impact of the head with the ground"*** (fol. 112). Fl-atti m'hemmx prova xjentifika li f'incident bhal dak in kwistjoni, persuna liebsa seatbelt ma kenitx issofri it-tip ta' trawma fir-ras li sofriet il-vittma. F'dan ix-xenarju l-qorti ma tistax titlaq minn xi presunzjoni li passiggier liebes seatbelt kien ser jibqa' haj. Dan apparti li l-attur ammetta li hu ma kienx liebes seatbelt u bl-impatt imbezaq barra mill-vettura. Minkejja dan sofra biss griehi li jidher li ma kienux serji[6].

5. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut ghamel referenza ghar-rapport tal-perit Richard Aquilina fejn issuggerixxa li fil-gemb tat-triq ghandha titwahhal crash barrier. Il-konvenut qal: *"Kien ukoll a kawza ta' dan il-fatt li hu spicca fuq il-blat u l-incident ha xejra tant gravi fejn b'xorti hazina persuna halliet hajjitha"*. Argument li diga' sar fil-proceduri kriminali, u li juri kemm il-posizzjoni tal-konvenut hi dghajfa. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Magistrati osservat: *"Fil-fehma tal-Qorti, fil-kaz in ezami u tenut kont tal-velocita li kien ghaddej biha l-imputat, impatt ma' cint f'dak il-punt kien ikun tant qawwi li wisq probabbli r-rizultat xorta kien ikun wiehed dizastruz"*. Fehma li din il-qorti taqbel maghha. Filwaqt li r-rakkomandazzjoni tal-perit Aquilina kienet pozittiva, l-incident sehh minhabba velocita eccessiva. M'hemm l-ebda prova li *crash barrier* kienet ser twaqqaf il-vettura milli tohrog mit-triq. Kien fid-dmir tal-konvenut li jsuq bil-galbu, haga li m'ghamilx. Mela jrid iwiegeb ghal ghemilu.

6. Argument iehor li ghamel il-konvenut hu li l-vittma kienet taf li kien xorob alkohol u xorta ghazlet li titla' mieghu fil-vettura. Hawnhekk invoka l-principju ta' *volenti non fit injuria*, pero fl-istess parti tan-nota jsemmi gurisprudenza Ingliza li titratta dwar negligenza kontributorja. Id-difiza ta' *volenti non fit injuria* tiskaguna lill-konvenut minn kwalsiasi responsabbilta' filwaqt li fin-negligenza kontributorja d-danni jigu mqassma bejn l-attur u l-konvenut skond il-proporzjon li tiddeciedi l-qorti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut jistaqsi: *"Yana Xerri ezercitat reasonable care meta hadet tali decizjoni u meta setghet facilment fejn kienet qabdet taxi ghad-dar ?"*. Ghall-qorti dan hu argument iehor fjakk. Meta xehed il-konvenut qal: *"Jien waqt li kont qed insuq kont naf x'qed jigri"* (fol. 73). Hu veru li mill-indagni nstab li l-livell ta' alkohol li kellu Xuereb kien iktar minn dak li tippermetti l-ligi. Pero'

[5] Skond il-perit Aquilina *"[…] l-gholi tal-waqa kien ta' xi erbgha metri"* (fol. 187).
[6] Ara pagna 35 tar-rapport ta' Dr Mario Scerri (pagna 163 tal-process).

dan ovvjament wara li sarlu t-test. 'Il fatt li fil-lejl tal-incident il-vittma kienet fil-kumpannija tal-konvenut f'bars Paceville[7] u probabilment ratu jikkonsma xorb alkoholiku, m'huwiex bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li l-vittma ma messha qatt rikbet fil-vettura tal-konvenut. M'hemmx prova li turi li matul dak il-lejl Xuereb tant kien xorob li Yana Xerri kienet taf li l-kapacita' ta' Xuereb sabiex isuq kienet serjament menomata u xorta hadet ir-riskju li tirkeb fil-vettura. 'Il fatt li t-test ta rizultat pozittiv m'hijiex prova li kien xurban jew li dawk li jkunu fil-kumpannija tieghu kellhom ikunu jafu li m'huwiex kapaci jsuq vettura.

7. Ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, il-qorti tosserva:

   i. Il-vittma twieldet fit-30 ta' Marzu 1992. Ghalhekk fid-data tal-incident kellha 18 il-sena;
   ii. Il-vittma kienet impjegata bhala waitress ma' Suncrest Hotel Limited. Id-dhul matul is-sena 2010 kien ta' €5,986. Bdiet tahdem b'effett mill-1 ta' Mejju 2010 b'salarju ta' €660 gross kull xahar[8]. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq salarju ta' €800 kull xahar, li jiehu in konsiderazzjoni zieda matul is-snin.

   €9,600 x 37 sena = €355,200 – 25%[9] - 33%[10] - 20%[11] = **€142,790.40**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
2. **Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet.**
3. **Tilqa t-talbiet tal-atturi u tillikwida d-danni fis-somma ta' mija u tnejn u erbghin elf sebgha mija u disghin ewro u erbghin centezmu (€142,790.40).**
4. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tnejn u erbghin elf sebgha mija u disghin ewro u erbghin centezmu (€142,790.40), bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut b'dan li kwalsiasi spejjez tal-intervenuta jkunu a karigu taghha.**

[7] Pero m'hemmx prova li kienet il-hin kollu fil-kumpannija tal-konvenut.

[8] Ara kopja tal-kuntratt ta' impjieg a fol. 85. L-impjieg kien ghall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2010 sal-31 ta' Ottubru 2010. Wara fl-1 ta' Novembru 2010 inghatat avviz li l-impjieg taghha kien qieghed jiggedded sal-31 ta' Ottubru 2010.

[9] Tnaqqis ghall-konsum personali (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **A. Farrugia proprio et nomine vs Nicholas Farrugia**, 28 ta' Frar 2014).

[10] Tnaqqis ghal fattur ta' dipendenza (ara **Turner vs Agius** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2003).

[11] Fis-26 ta' Settembru 2012 l-atturi pprezentaw il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------